MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2012

Numru. 1041/2009

**Il-Pulizija**
**Spettur Frankie Sammut**

**vs**

**Mario Vella**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Mario Vella ta' 53 sena, bin Michael u Rosaria nee' Cassar, imwieled il-Pieta' fil-11 ta' Novembru 1955 u residenti fil-fond numru 67, 'Dormar', Triq il-Buqexrem, il-Fgura u detentur tal-karta tal-identita' numru 0771055(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

A) Billi huwa akkuzat talli, nhar is-26 ta' Awwissu 2009, ghal habta ta' nofsinhar, filwaqt li kien gewwa l-iskola sekondarja tal-bniet Erin Serracino Inglott, li jinsab fi Triq Alessandra, gewwa Bormla, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx

vjolenza Pubbblika kontra l-persuna tas-Surmast James Camilleri, bhala persuna inkarigata skond il-Ligi minn servizz Pubbliku, filwaqt li kien qed jagixxi fl-ezekuzzjoni tal-Ligi jew ta' Ordni moghti skond il-Ligi mill-Awtorita' kompetenti.

B) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kien gewwa l-iskola sekondarja tal-bniet Erin Serracino Inglott, li tinsab fi Triq Alessandra, gewwa Bormla, ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' l-istess Surmast James Camilleri, bhala persuna ta' wiehed inkarigat skond il-Ligi minn servizz Pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien qed jaghmel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezza' jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz.

C) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kien fl-iskola sekondarja tal-bniet Erin Serrracino Inglott, li tinsab fi Triq Alessandra, gewwa Bormla, volontarjament, ikkawza griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna tas-surmast James Camilleri, bhala persuna nkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kien qed jagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-Ligi jew ta' ordni mghoti skond il-Ligi minn awtorita' kompetenti, skond kif iccertifikat minn Dr. Anton Bugeja M.D. mic-Centru tas-sahha ta' Bormla.

D) Nhar is-26 ta' Awwissu, 2009 filwaqt li kien gewwa l-iskola sekondarja tal-bniet Erin Serracino Inglott, li tinsab fi Triq Alessandra, gewwa Bormla, bla ordni skond il-Ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil xi persuna kontra l-volonta' taghha.

E) Barra minn dan akkuzat ukoll talli, fl-istess cirkostanzi, filwaqt li kien gewwa l-iskola sekondarja tal-bniet Erin Serracino Inglott, li tinsab fi Triq Alessandra, gewwa Bormla, volontarjament, kiser il-Bon Ordni u l-Paci Pubblika b'ghajjat u glied.

F) Fl-istess data, lok hin u cirkostanzi, filwaqt li kien gewwa l-iskola sekondarja tal-bniet Erin Serracino Inglott,

li tinsab fi Triq Alessandra, gewwa Bormla, qal kliem oxxen, indecenti u dagha.

G) Fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi, ingurja jew hedded lis-Surmast James Camilleri, meta pprovokat, b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

H) Filwaqt li kien gewwa l-iskola sekondarja tal-bniet Erin Serracino Inglott, li tinsab fi Triq Alessandra, gewwa Bormla, stieden ghall-glied lis-Surmast James Camilleri.

I) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, gab ruhu b'tali mod li kkagunalu lil haddiehor biza' li se tintuza vjolenza kontra taghhom, meta kien jaf jew missu kien jaf li, b'tali mgieba taghhom, ser tikkaguna lil haddiehor biza'.

Sar recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex tapplika l-artiklu 383 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet ukoll gentilment mitluba li tohrog Ordni ta' protezzjoni fil-konfront ta' James Camilleri u l-familjari tieghu, ai termini ta' l-artikoli 412C tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta kemm waqt il-mori tal-kawza, kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti skond l-art. 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 1 ta' Novembru 2010 (esebita a fol. 107 tal-process) fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(a) fl-artikoli 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(b) fl-artikoli 214, 215, 221(1) u 222(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(c) fl-artikoli 86 u 87(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

(d) fl-artikolu 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
(e) fl-artikoli 338(bb), 338(dd) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;

Rat li waqt l-udjenza tad-19 ta’ Novembru 2010, l-imputat ddikjara li huwa m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta’ dan il-kaz jirrigwardaw incident li nqala’ fl-iskola sekondarja tal-bniet Erin Serracino Inglott li tinsab Bormla li sehh fis-26 t’Awwissu 2009 ghall-habta ta’ 12.00pm bejn James Camilleri li huwa s-surmast fl-imsemmija skola u l-imputat li dak iz-zmien kien impjegat bhala general hand fl-istess skola.

Il-parti civili James Camilleri meta xehed f’dawn il-proceduri in ezami waqt l-udjenza tas-27 ta’ Novembru, 2009 u in kontro-ezami waqt l-udjenza tat-3 ta’ Marzu, 2011 spjega li fis-26 t’Awwissu, 2009 huwa kien fl-ufficcju tieghu flimkien mal-assistent kap Joseph Paul Ellul u huwa baghat ghall-imputat Mario Vella sabiex ikellmu fejn talbu sabiex minn dik il-gurnata l’quddiem huwa ma kellux jibqa’ jiehu t-tfal tieghu l-iskola mieghu meta jkun xoghol. James Camilleri spjega li huwa ha din id-decizjoni wara li jumejn qabel kien sab it-tyre tal-vettura tieghu mnizzel u haseb li kellu puncture izda meta ha t-tyre sabiex jissewwa gie nfurmat mill-vulcaniser li t-tyre kien gie mnizzel min xi hadd u cioe’ ‘tampered with’. Il-parti civili spjega li huwa kien mar lura l-iskola u ra r-recordings taz-zewg (2) CCTV cameras li kien hemm installati fil-car park tal-iskola u seta’ jara liz-zewgt itfal tal-imputat javvicinaw il-vettura tieghu u jinnavikaw mat-tyre tal-vettura u wara ftit tal-hin huma gew osservati jergghu jispezzjonaw il-karozza sabiex jaraw jekk it-tyre kienx nizel. Camilleri

spjega li huwa qatt ma kien awtorizza lil Vella sabiex jiehu t-tfal l-iskola waqt il-hin tax-xoghol u preciza li dawn it-tfal ma kienux jattendu l-imsemmija skola u l-incident sehh waqt il-vaganzi tas-sajf. Huwa spjega inoltre li wara li gara l-incident tat-tyres iddecida li jirraporta dwaru lid-Dipartiment tal-Edukazzjoni kif ukoll li jkellem lill-imputat u jitolbu sabiex ma jergghax igib it-tfal l-iskola. Camilleri qal li meta huwa qal hekk lill-imputat dan tal-ahhar irrabja hafna, beda' jghajjat u telaq il-barra u semghu jghajjat fil-kurutur u jghid lit-tfal tieghu li s-surmast ma ridhomx aktar hemm. Wara ftit tal-hin sakemm Camilleri kien qed jitfi l-kompjuter u jipprepara sabiex imur jaghmel rapport l-Ghassa rega' dahal l-imputat b'rankatura fl-ufficcju u sabbat il-bieb, mar jimblokka l-unika entratura li Camilleri kellu sabiex johrog minn wara d-desk  u beda' jistiednu ghall-glied. Camillleri jghid li huwa qal lill-imputat li ma kienx tal-glied u li l-affarijiet kien isolvihom bil-kelma t-tajba u huwa beda' jersaq lura bis-siggu ghaliex beda' jhossu 'trapped' u l-imputat f'dan l-istadju tela' bil-wieqfa fuq id-desk tal-parti civili u beda' jghajjat u jxejjer u jfajjar idejh fid-direzzjoni tas-surmast fejn spicca sabiex laqtu fl-istonku. James Camilleri jkompli jispjega li sadanittant in-nies li kien hemm barra fil-kurutur li bdew jisimghu l-ghajjat bdew ihabtu fuq il-bieb u jghidu lil-imputat sabiex jiftah. Huwa ndika li l-bieb tal-ufficju tieghu kien jissakkar meta jinghalaq u seta jinfetah minn barra biss permezz ta' cavetta liema cavetta kienet ghand is-segretarja. Huwa qal li wara, s-segretarja qaltlu li fil-kommozzjoni ma setghux isibu c-cavetta mal-ewwel u sostna li meta instabet fethu l-bieb minn barra biha u l-imputat hareg jigri fil-kurutur u kellhom izommuh tlett irigiel, l-assistent kap u zewg purtinara irgiel, ghaliex huwa ried jerga ihebb ghalih sakemm imbaghad dawn harguh il-barra mill-iskola. Camilleri ta struzzjonijiet lis-segretarja sabiex iccempel lil Pulizija li gew immedjatament fuq il-post. James Camilleri qal li huwa kellu griehi ta' natura hafifa fl-istonku u mar il-policlinic fejn gie rilaxxjat certifikat[1] mediku li jindika li Camilleri kellu griehi ta' natura hafifa. Il-parti civili ndika wkoll li huwa kien taht shock kbir u beza' hafna.

[1] Inserit a fol.  23 tal-atti processwali.

Ikkunsidrat:

Illi l-verzjoni tal-fatti moghtija minn James Camilleri giet korroborata kwazi fl-intier taghha mill-Assistent Kap Joseph Paul Ellul li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-8 ta' Jannar, 2010. Dan ix-xhud qal li meta l-imputat hareg fil-kurutur kellhom izommuh tlett irgiel, inkluz hu, ghaliex ried ihebb ghas-surmast, u qal li l-istess imputat beda' jghid lis-surmast li kien ser isibu u jsib fejn joqghod. Huwa qal li s-surmast ma beda' jghid xejn lura lill-imputat u kien bezghan hafna u taht shock.

Illi l-imputat ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-7 ta' Dicembru, 2011 fejn huwa sostna li s-surmast kien imqabbad mieghu u kien iqabbdu jaghmel xoghol zejjed li suppost kellha taghmel purtinara ohra li kienet tithalla tmur id-dar mis-surmast ghaliex kienet theddu li ser tirrapurtah lil Ministru. Huwa qal li kien single parent u ma kellux ma min ihalli liz-zewgt itfal tieghu li huma zewg subien adoloxxenti, waqt il-vaganzi tas-sajf u ghalhekk kien jehodhom mieghu fuq ix-xoghol. Huwa sostna li meta s-surmast kellmu u qallu li ma setghax ikompli jgib it-tfal l-iskola huwa rrispondih li r-regoli kellhom ikunu ghal kulhadd u s-surmast qallu li huwa kien jaghmel li jrid. L-imputat isostni li huwa hareg mill-kamra u wara ftit rega' dahal ghaliex ried jghid lis-surmast li jekk ma kienx ser ihallih igib lit-tfal l-iskola huwa kien ser johrog bil-leave u jsostni li meta wasal fejn il-bieb tal-ufficcju dan kien miftuh u s-surmast sabbat il-bieb u ghalaqlu jdejh. Fl-istqarrija li huwa rrilaxxja a tempo vergine u li tinsab inserita a fol. 24 sa 26 tal-atti processwali huwa sostna li kellu certifikat mediku dwar il-griehi li sofra f'idejh izda huwa naqas milli jipproduci dan ic-certifikat mediku fil-proceduri odjerni. L-imputat qal li huwa beda' jghid lis-surmast jekk kienx hemm bzonn li jitla' jizfinlu fuq il-mejda bhal ma kien jaghmel haddiehor sabiex ihallih igib lit-tfal l-iskola u kien ghal din ir-raguni li tela' bil-wieqfa fuq id-desk tas-surmast. Huwa jghid li meta bdew ihabbtu fuq il-bieb nizel u fetah il-bieb minn jeddu. Huwa cahad li kien hebb ghas-surmast jew li kien tah daqqa fl-istonku.

Ikkunsidrat:

Illi l-Avukat Generali fin-Nota tieghu tal-1 ta' Novembru, 2010 jindika li tista' tinstab htija jew htijiet fil-konfronti tal-imputat taht dak li hemm mahsub fl-Artikoli 95 (ingurji jew theddid kontra ufficjal pubbliku), 214, 215, 221(1) u 222(1)(c) (offiza fuq il-persuna), 86 u 87(1)(c) (arrest illegali), 251B (biza' li ser tintuza vjolenza) u 338(bb) (kliem oxxenn u ndecenti fil-pubbliku), 338(dd) (ksur ta' buon ordni u paci pubblika u 339(1)(e) (ingurji jew theddid), tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti jidrilha li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova dawn l-akkuzi kollha sa l-akkuza ta' arrest illegali u dik ta' dagha u kliem oxxen fil-pubbliku. L-Qorti fil-fatt m'ghandha l-ebda dubju mill-kredibilita' tal-parti civili James Camilleri u jidrilha li mix-xhieda tieghu li giet korroborata mill-assistent kap u mic-certifkat mediku u mix-xhieda tat-tabib li rrilaxxja l-istess certifikat jirrizulta minghajr ombra ta' dubju li l-imputat ingurja u hedded lis-surmast li huwa ufficjal pubbliku, li huwa kkagunalu griehi ta' natura hafifa u li huwa kkagunalu biza' li ser tintuza vjolenza kontrih. Il-Qorti izda jidrilha li r-reat ta' arrest illegali ma jirrizultax pruvat sal-grad rikjest mill-ligi ghaliex jidrilha li ma giex pruvat li Camilleri ma thalliex johrog mill-kamra jew li gie mizmum hemm kontra l-volonta' tieghu. Inoltre hemm kunflitt fil-provi dwar min effettivament fetah il-bieb fejn Camilleri jsostni li l-bieb infetah bic-cavetta min-nies li kien hemm barra u l-imputat jghid li kien hu stess li fetah il-bieb. Mix-xhieda kollha li kienu barra l-bieb, inkluz l-assistent kap, hadd minnhom ma qal li kienu huma li fethu l-bieb bic-cavetta izda lkoll sostnew li l-bieb infetah minn gewwa u meta infetah kien hemm l-imputat quddiem u s-surmast warajh. Dan jindika li probabbilment kien l-imputat li fetah il-bieb minn jeddu sabiex hargu kemm hu kif ukoll is-surmast. Dwar l-imputazzjoni ta' kliem oxxen u ndecenti l-Qorti tirrileva li ghalkemm Camilleri jghid li l-imputat beda' jghajjat u jheddu fl-ebda hin ma qal li dan beda' jghid kliem oxxen jew li beda' jidghi.

L-imputat sejjer ghalhekk jinstab hati tal-imputazzjonijiet immarkati bhala B, C, E, G, H u I u ser jigi dikjarat mhux hati tal-imputazzjonijiet l-ohra migjuba fil-konfronti tieghu.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti mhux ser titratta mal-imputat bhala recidiv stante li ma ngabitx id-debita prova tar-recidiva izda peress li mill-fedina penali tieghu jirrizulta li din mhux l-ewwel darba li huwa kiser dufrejgh mal-gustizzja, l-Qorti jidrilha li fic-cirkostanzi ghandha timponi piena karcerarja sospiza anki ghaliex jidhrilha li huwa assolutament inaccettabbli li ghaliex xi hadd jippretendi li jispetta lilu xi dritt li jiehu lil uliedu adoloxxenti fiuq il-post tax-xoghol meta del resto dan id-dritt ma kienx jispettah, huwa jaghzel li jhebb, jingurja u jattakka fizikament lis-superjur tieghu semplicement ghaliex dan ikun tah ordni legittima u gustifikata.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu tal-1 ta' Novembru, 2010 u senjatament l-Artikoli 17, 95, 214, 215, 221, 222 (1)(c), 251B, 338(dd) u 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet immarkati bhala B, C, E, G, H u I u tikkundannah sitt (6) xhur prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta' sentejn (2) millum. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-bqija tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjonijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------